MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

27 ta' April 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin. Il-Perit Schembri, is-Sinjura Connie Scerri, is-Sur Victor Galea, is-Sur Remigio Bartolo kienu għadhom ma daħlux. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Is-Sur Giorgio Schembri nforma s-Segretarju Eżekuttiv li għandu diffikultajiet biex jattendi, is-Sur Victor Galea ma kienx jaf minħabba li kellu jkun imsiefer u s-Sinjura Connie Scerri kellha xi riżervi u kienet għadha ma tafx jekk tlaħħaqx. Dan kollu ingħad b'mod verbali.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 43 ġew approvati. Il-Minuti tal-laqgħa 44 (urġenti) se jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-laqgħa kienet waħda twila u fiha ħafna traskrizzjoni.

Is-Sur Remigio Bartolo daħal f'dan il-mument 05.31pm

Is-Sindku talab li tinqaleb l-ordni tal-Agenda sabiex immorru fuq item 45.7. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 45.7 Rapporti: Rapport mill-Perit Sports Village - PA/00676/22

Il-Perit Dieter Falzon kien preżenti u daħal jagħmel *share screen* biex juri sett ta' pjanti mill-Pjanijiet Lokali eżistenti li hu l-bibbja tal-PA. Dan l-Pjan t'Azzjoni sar fl-2006 u beda billi wera l-iStadium Nazzjonali flimkien mal-area in kwistjoni li hi nkluża fl-Action Plan. Qal li flimkien sa jaraw x'sar mill-Pjan t'Azzjoni sal-lum, liema artijiet huma privati u liema le, u taħt liema skop jaqgħu ċertu artijiet.

Wera art immarkata bir-roża li hi tal-Gvern u bl-isfar li hi tal-privat. L-art in kwistjoni mmarkata bl-isfar fl-2006 kienet tal-privat.

Il-pjanta susseggwenti wriet l-użu tal-art kif kienet dak iż-żmien fl-2006, il-Park Nazzjonali, l-istadium u l-art agrikola.

Il-pjanta ta' wara wriet l-*existing Nature Reserve* fejn sew jekk hix tal-Gvern jew tal-privat ma tistax tintmisx għall-kuntrarju ta' dik imdawwra magħha bl-abjad li kienet taqa' taħt il-Pjan t'Azzjoni. Qal li l-applikazzjoni in kwistjoni ma kinitx taqa' taħt ir-Riżerva Naturali.

Il-pjanta ta' wara wriet il-*Policy Map* ta' dak li fl-2006 il-PA bdew jipproponu: dak li kien għall-skopijiet agrikolu jew ta' ortikoltura, fejn fil-parti li tikkonċerna l-applikazzjoni hemm parti ħadra li mmarkata *recreational and mixed use* u l-parti safra li kienet koperta bi klawżoli li kien ħa jdurhom waħda waħda.

Is-Sinjuri Connie Scerri u Victor Galea daħlu f'dan il-mument 05.42pm

Wera kif fil-pjanta kien ġa mmarkat l-użu eżistenti ta' *garden centre u nursery* imma li ġa kien hemm estensjonijiet proposti li għal Arti, Sports u Kultura. Id-definizzjoni hija ċara jew it-tlieta kollha jew sports jew art jew kultura jew taħlita ta' dawn l-estensjonijiet proposti fil-Pjan Lokali.

L-Avukat Caruana rrimarkat li allura l-applikazzjoni hija fil-fatt skont dak applikat għalih. Il-Perit Falzon ried jagħmilha ċara li in ġenerali hekk hu imma li hu żgur li ma jistax jibni għal skopijiet residenzjali. Il-faċilijiet iridu jkunu għal sports, arti jew kultura. Biex jikkonkludi fuq dawn il-pjanti qal ukoll li madwar dan is-sit jidher ukoll li hemm proposta li ssir triq arterjali.

Il-Perit qal li se jduru issa l-Policies NWTQ 3, 5, 7, 25 u 34

Il-pjanta ta' wara wriet l-istrateġija ta' dan il-pjan t'azzjoni. Fil-fatt intwera, li fejn hemm l-applikazzjoni, dan jifforma parti minn *National Recreation Centre.* Il-pjanta ta' wara wriet il-*building zone heights* li jrid ikun mhux iktar minn 7m u jidher li l-applikant żamm ma' dan il-għoli. Dan ma jinkludix dwal eċċetera.

Recreation and Sport NTWQ 2 and NTQW 3

NWTQ 3 Recreation, Sport, Art and Cultural Uses

The development of recreational, sports, art and cultural facilities (excluding major impact sports), may be permitted if it accords with the following criteria:-

i. It is located within the National Recreation Centre;
ii. the development has a genuinely national catchment area; or has a special affinity to visitors with the historic heritage of the wartime airfield;
iii. the scale, location, landscaping and quality of design is consistent with the character and appearance of the Action Plan area;
iv. it is well-related to access roads and has no significant adverse impact on the local highway network;
v. adequate access and off-road parking is provided;
vi. use is made of existing buildings if possible and any new buildings are reduced to the minimum necessary size and are acceptable to the specific location within the plan area;
vii. the proposed use is compatible with the adjacent existing or proposed recreational use; and
viii. it has no significant adverse impact by way of noise on adjacent users or residential areas.

Hu qal li mhux definit l-użu eżatt imma li hu żgur li dan hu ntiż bħalha *National Catchment Area* li tattira viżitaturi u nies minn barr, għal Malta kollha u mhux speċifiku għall-Kunsill Lokali. Biex wieħed jifhem aħjar ipparaguna dan ma' Lidl li jattira nies minn barra r-raħal u mhux ħanut lokali. Qal li wkoll jgħid biss li l-bini ma jridx ikun għoli iktar minn 7m u mhux kemm irid ikun hemm *coverage.*

9.3 Where a recreational or sports use is acceptable in principle, i.e. within the National Recreation Centre the proposal will need to comply with specific criteria concerning scale and design, and impact on the adjacent land uses. North West Local Plan Approved Ta' Qali Action Plan August 2006 35 Wherever possible, use should be made of existing buildings to house attractions, and new buildings will be subject to strict control in order to minimise any visual impact and to retain as far as possible the open character of the site. Adequate access to and from the perimeter main roads is essential in order to prevent inconvenience on the minor internal access roads which may be unsuitable for the volume and type of traffic generated by some uses.
9.4 Many sports organisations have expressed an interest to be represented within the National Recreation Centre. An opportunity exists in addition to sports referred to under specific policies for the following activities to be considered - Golf Driving Range, Equestrian Centre, Indoor Shooting Range, Indoor Swimming Pool, Hockey, International Tennis and Gymnastics and parachuting.
9.5 The proposed Country Parkway system for North West Malta consists of numerous circular and linear routes including their immediate surrounds within which a variety of open air recreational activities are located, such as walkways, cycle tracks, horse trails and picnic areas.
9.6 Ta' Qali is bisected by one of these routes, the location of which is illustrated on Policy Map 5. People using this route will, on entering the Action Plan area, be free to wander around Ta' Qali to link up with the country parkway on the other side of the Action Plan area.

Rigward 9.4 qal li għalkemm mhux speċifikat l-użu jidher li jikkonbaċi ma' dak intiż fl-applikazzjoni għax xorta sports. L-Avukat Brincat hawn qal li ma jaqbilx peress li jgħid *excluding major impact sports.* Saqsa allura x'inhi l-interpretazzjoni ta' *major impact sports?* Il-Perit Falzon qal li dawn jistgħu ikun American Football and Rugby jew squash. L-Avukat Brincat qal li allura Football jista' jkun ukoll għax hemmhekk għandek persuna kontra 11-il persuna oħra u hemm ċertu aggressività. Li xtaq jagħmilha ċara hu li fl-applikazzjoni hemm ippjanati żewġ grawnds tal-futbol li qed jgħidlek *excluding major impact sports* inkluż ir-*rugby.* Hu qal li ġa mhux kuntent bil-proġett kollu imma li l-futboll grawnds iridu jiġu mneħħija. Li dak li qed jipproponi l-iżviluppatur mhuwiex kompatibbli u lanqas konformi ma' dawn il-policies ta' PA. Hu qal li jrid definizzjoni ċara ta' *major impact sports.*

Il-Perit qal li jekk ineħħihom ngħidu imma li l-Kunsill huwa kuntent ħa jkun kuntent bl-iskala tal-proġett kif inhu jekk ngħidu li minflok issir ġinnastika jew għawm. L-Avukat Brincat qal li hu xorta mhux kuntent bl-iskala tal-proġett imma dak propost imur kontra d-definizzjoni kif impoġġija.

Il-Perit qal li jekk il-Kunsill ħa jiddeċiedi li kontra l-proġett inutli ħa jkompli bid-dettalji imma jekk il-Kunsill mhux kontra jistgħu jiddiskutu għawm flok futbol jew rugby.

L-Avukat Caruana qalet li fost oħrajn hemm baseball, basketball, hockey, karate, rugby, futbol u tenniet li l-iskop ta' din il-laqgħa kien li jaraw dan il-proġett b'moħħ miftuħ biex wara tittieħed deċiżjoni.

Bħalha Perit qal li l-kunċett eż ta' Class 4B shop huwa li jkun ħanut irrispettivament ikunx taż-żebgħa jew groser u li *may be permitted*. Qal ukoll li jsir xi jsir irid ikollu *a genuinely national*

*catchment area* u jrid jiġbed in-nies minn Malta kollha jekk mhux minn barra kollha. Qal li allura l-oppożizzjoni tal-Avukat Brincat trid tkun kontra dak il-kunċett u mhux x'jagħmel dak il-kunċett. Propona li jkomplu jaraw x'fihom u jitkellmu wara.

Qal li biex wieħed jifhem aħjar anka fl-istess pjan t'azzjoni hemm definizzjonijiet kontra xulxin. Qed jissemma fin-9.4 li hockey wieħed mill-isports meta dan qiegħed fid-definizzjoni ta' *major impact sports*. Qal ukoll li 9.5 tagħti definizzjoni ta' dak li semmew id-darba l-oħra li jkun hemm spazji pubbliċi miftuħa għall-pubbliku u li dawn ikunu definiti sewwa fir-rappreżentazzjoni.

NWTQ 5 Change of Use of Land to Recreational Purposes

The Planning Authority will give favourable consideration for a change of use of land or buildings from agricultural/horticultural purposes to recreational, sport, art and cultural purposes only on that land designated within the National Recreation Centre.
9.9 The Planning Authority, in accordance with Structure Plan Policy, will ensure that the primary use of recreation is safeguarded at Ta' Qali. Change of use from agriculture, commerce or industry to recreation purposes will be encouraged (Refer to Policy NWTQ 22, including an area currently occupied by a nursery and garden centre. Refer to Policy NWTQ 31).
9.10 This policy will enable land to be made available during the life of the Action Plan for suitable recreation use. This is in accordance with Structure Plan policy to optimise the area for recreation use. In order to assist the relocation of existing farmers it is recommended that the Department of Agriculture in conjunction with the Lands Department and other appropriate Government agencies give consideration to incentives of long leases and free rent for initial periods. 9.11 However, in the short term, agricultural use may continue, but when relocation is achieved, the land is designated for informal recreation use, and no buildings/structures will be permitted which would prejudice this policy.

Il-Perit qal li hemm *contra-arguments* fil-pjan lokali stess għax l-ewwel qed jingħad li trid tkun fiż-żona ta' estensjoni tan-National Recreational Centre, li l-proġett hekk intiż u hu, u li biex isir bini minn dak agrikolu/ortikulturali għal skop ta' arti, sport u kultura l-Awtorita' trid tagħti permess u tagħtih b'mod favorevoli mill-ewwel għal *change of use tingħata* biss jekk relatat mal-iskop li din l-art tintuża għall-arti, sport u kultura.

Hu qal li l-applikant spara għoli biex wara jiġi mistenni li jċekken fil-Hotel, fil-futbol *pitches* li jaqbel li m'bżonn imma li jekk minflok jagħmel xi ħaġ'oħra wieħed jinnegozja.

NWTQ 7 Camping

The Planning Authority will give favourable consideration for the provision of a camp site on land located within the National Recreation Centre, subject to the following criteria:-

i. The preparation of a Development Brief to prescribe form, content and design of the development;
ii. no new building other than toilet facilities will be permitted to be erected, subject to satisfactory siting and use of sympathetic materials and landscape enhancement;

iii. no tent will be permitted to be erected for a period in excess of 28 days;

iv. no static or touring caravans or any other temporary accommodation other than tents, will be permitted on site;

v. an adequate access and off road parking is provided;

vi. details of the provision of water supply, washing and toilet facilities shall be submitted and approved;

vii. details of the proposed waste disposal, drainage and sewage disposal arrangements shall be submitted and approved; and

viii. details of provisions of fire prevention, fire fighting and first aid facilities shall be submitted and approved. ix. there is a programme for the overall improvement of the site including a landscape scheme, which shall be implemented in its entirety within the first planting season and shall be maintained;

9.13 There is an absence of any formal camping sites on the Maltese Islands, and the North West Local Plan identifies suitable locations. The Action Plan recognises the potential at Ta' Qali and makes provision for a small organised camping area on land within the National Recreation Centre.

Din il-fakultà l-applikant ma daħħalhiex fl-applikazzjoni imma jista'.

Is-Sur Victor Galea qal li fuq it-traffiku ma tkellem xejn. Il-Perit qal li hemm intiż li ssir triq arterja u li din it-triq tispara għal gos-*Central Link.* Il-pjan juri t-toroq wara li l-proġett ikun lest u li dan jitfa' t-traffiku lejn it-toroq arterjali imma l-ikbar problema hi t-traffiku waqt li qed isir il-proġett u għalhekk hemm bżonn TIA. Fil-fatt, kompla jgħid il-Perit, għalhekk wieħed mir-rappreżentanti ma' kkommettiex ruħhu qabel ma jiġi sottomess it-TIA. Dan għandu jkun wieħed mill-punti prinċipali tar-rapport u Kunsillier ikun fuq il-Bord.

NWTQ 25 Nature Reserve

An additional Nature Reserve at Ta' Qali National Recreation Centre is proposed as illustrated on Map 8 page 53.

12.2 The existing reserve at Ta' Qali provides protection against hunting and trapping for the participants of the National Recreation Centre. In order to extend this protection over the proposed extension to the National Recreation Centre, it is proposed that in conjunction with the Environment Protection Department an additional area to the north and north east is declared a Nature Reserve in accordance with the Environmental Protection Act 1991.

Din ma tikkonċernax l-iskop ta' din l-applikazzjoni għax mhix inkluża.

NWTQ 34 Santa Maria Reservoirs

The Planning Authority will not permit any development in the immediate vicinity of the reservoirs which would adversely effect water supply. 13.20 The two reservoirs in this zone provide an essential supply of drinking water to neighbouring settlements and as such their

future will be safeguarded from any other development which may disrupt this supply or hinder the efficient servicing or functioning of them.

Il-Perit qal li din ukoll uħud mir-rappreżentanti saqsew u urew it-tħassib tagħhom fuq fejn se jmur l-ilma u li jkun hemm *catchment* sewwa.

Il-Perit saqsa min xtaq jitkellem.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk hux ħa jkun hemm park għall-annimali xi forma ta' zoo żgħir. Il-Perit qal li *Sports Village* qed jagħmel u mhux qed jitlob affarijiet oħra għalissa u kien għalhekk li talab lil kulħadd jikkonċentraw fuq dak li hemm fl-applikazzjoni. Is-Sur Galea qal dan li ma jmurx ifettillu jitfalek xi pagun jew summien għax min joqgħod ħdejhom jaf x'*noise pollution* jikkrejaw.

Is-Sur Alex Mangioin issuġġerixxa li jekk hemm mezz kif il-Kunsill jagħmel il-flus minnu eżempju bħal permessi għall-*camping site,* dawn għandhom joħorġu mill-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li dan mhux fil-permess. L-Avukat Caruana qalet li l-Perit spjega x'hemm fil-pjan lokali li mhux kollu applikabbli għal din l-appikazzjoni. Hu reġa' spjega dak li ntqal qabel u dak irid jiġi diskuss biss cioe' dak relatat ma' l-isports, arti u kultura.

L-Avukat Brincat qal li l-NWTQ 5 jgħid li l-PA ħa tagħti permess mhux jista' jkun. Il-Perit qal li tagħti permess wara kunsiderazzjoni bil-limitazzjonijiet. L-Avukat Brincat qal li jibqa' jtenni però li NWTQ 3 teskludi *major impact sports* u ma jarax f'dal permess żewġ futbol grawnds u *rugby pitch* meta viċin hemm futbol grawnd kbir. Qal ukoll li apparti hekk f'dawn il-*policies* ma jingħad xejn fuq ħwienet u ħotels. Kompla jgħid li din l-applikazzjoni l-Kunsill għandu jattakka fuq ħwienet, ħotels u *major impact sports.* Hu qal li ma jaqbilx mal-proġett fil-kunċett u jemmen li l-art għandha tintuża għal skop agrikolu sabiex ikollna *food security* għal Malta u jekk ma jistax jattakka minn dan il-lat ħa jattakka fuq il-*major impact sports* u partikularment fuq il-ħwienet u ħotels għax il-policies tal-PA żgur ma jkopru dan l-użu.

Il-Perit ħa jagħmel riċerka fuq il-*major impact sports* għax waqt il-Covid qal li tennis ġie eskluż imma l-futbol baqa' jsir. Iktar minn hekk qal li ma jħobbx juża l-kelma jattakka u poġġa suppożizzjoni li l-PA tneħħi futbol u rugby u jdaħħallek *equestrian* imbagħad saqsa x'se jirrisopondi. L-Avukat qal li jitkellmu fuq dak li hemm issa u mbagħad jaraw.

Il-Perit qal ukoll li jridu joqgħodu attenti għax l-użu eżistenti huwa ta' ħanut. L-applikant propona ħwienet Class4B u jekk dawn ikunu relatati ma' Arti, Sports u Kultura ikun aċċettabli. Apparti l-fatt li jekk ineħħi sport jaf idaħħallek ieħor li l-Kunsill ikun inqas kuntent bih bħal trakka għaż-żwiemel mhux forsi għat-tlielaq, żied is-Sur Cordina imma biex jitrenjaw jew biex jaħslu ż-żwiemel flimkien mal-istalel.

Il-Perit qal li jekk irid jitkellem ċar u sew anka t-traffiku normalment ma jiġġenerax ruħu minn logħba futbol imma mill-postijiet ta' rikrejazzjoni għax l-istadium vojt ikun. Normalment hemm iktar sports li jiġġeneraw traffiku mill-isport. L-Avukat Brincat qal li jiddependi mill-ftehim li għandu ma' klabbs barranin fejn il-klima tagħna hu idejali u jattira mhux żewġ min-nies imma għexieren. Il-Perit qal li ma' jixtieqx jibni rapport fejn idaħħaq bih u joħroġ ta'

mażetta, jekk ħa jikteb rapport ħa jiktbu b'punti konkreti għax per eżempju l-aħħar li ġew il-Manchester United bilkemm indunaw in-nies li kienu hawn għax m'għamel l-ebda mpatt fuq it-traffiku.

Il-Perit qal li jidhirlu li d-darba l-oħra ftehmu li l-ewwel jistennew l-ERA, l-SCH, il-WSC u TM sabiex jitolbu l-affarijiet konnessi ma' dak li jikkonċerna s-setturi tagħhom għax huma l-esperti u wara jdaħħlu r-rapport. L-Avukat Brincat qal li xorta jista' jibda jitħejja r-rapport biex ikunu ippreparati.

Is-Sinjura Connie Scerri saqsiet jekk hux sa jkun hemm post simili ta' dawk li hemm Ta' Qali biex in-nies jikkrejaw ruħhom. Il-Perit qal li hemm żoni partikulari għar-rikrejazzjoni fejn wieħed jgħaddi ftit ħin imma mhux għall-pubbliku in generali minħabba li l-art hi privata.

Is-Sur Bartolo qal li jaf li hu tal-privat imma fis-sottomissjonijet jistgħu jitolbu xi affarijiet għar-residenti ta' Ħ'Attard tipo xi *membership.* Il-Perit qal li fil-fatt parti min-negozjati għandhom ikunu kif qalet is-Sinjura Scerri li jekk issir *jogging track* issir għall-pubbliku u li per eżempju jekk it-toroq tal-madwar b'dak l-impatt kollu ssirilhom il-ħsara isir arranġament sabiex dawn isiru mill-ġdid u li bil-fondi li jitfa' taħt il-DPF isiru proġetti ġodda.

Is-Sur John Bonnici qal li biex jirrimarka fuq dak li qal l-Avukat Brincat it-timijiet iġibuhom l-MFA. L-Avukat Brincat qal li t-timijiet mhux dejjem jinġabu *through* MFA u ma jistax ikun li l-iżviluppatur ħoloq żewġ training grawnds biex jintużaw hekk sporadikament. Dan kompla jgħid li jekk ħoloq dawn il-grawnds ħoloqhom biex jagħmel il-flus minnhom. Kien hemm diskussjoni qasira bejn iż-żewġ Kunsilliera fejn intervjena s-Sur Cordina u saqsa lill-kulhadd il-Perit fuq x'hiex ħa jibbaza r-rapport?

Il-Perit qal li dan ir-rekording se jiġi imminitjat għalhekk issuġġerixxa li kull Kunsillier jerġa' jgħid lis-Segretarju Eżekuttiv mhux biss ir-riżervi tiegħu, bħal ad eżempju dak li qal l-Avukat Brincat peress li hu semma żewġ futbol grawnds u l-*major impact sports*, l-Perit Schembri li tkellem fuq id-daqs tal-Hotel, s-Sur Galea li semma l-użu fejn jidħlu annimali, s-Sur Bartolo fuq dak li jista' jiggwadanja l-Kunsill u s-Sinjura Scerri fuq li l-ispazji ikunu miftuħa għall-pubbliku u flimkien ma dak li jkun ġa qal u dak imminitjat isiru punti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jintbagħtu lill-Perit.

## 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 45.3.1 *Uffiċċini*

Is-Sur Cordina qal li fuq l-Uffiċċini mexjin u ħa jiġi ffirmat il-kuntratt, jonqos xi karti u jibdew.

### 45.3.2 *Ministeru tal-Onorevoli Owen Bonnici*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa fis-2pm se ssir l-inawgurazzjoni tax-xogħolijiet li saru fil-kappella ta' Sant'Anna u li kulħadd hu mistieden. Hu talab biex min jista' jiġi jgħidlu ħa jinfurmahom min ħa jattendi.

## 45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.4.1 Is-Sur Victor Galea

- Saqsa jekk il-kuntrattur ingħatax l-order to start works. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif qal is-Sindku jonqos il-garanzija, jiġi ffirmat il-kuntratt u toħroġ l-Order to Start Works.

45.4.2 Is-Sur Alex Mangion

- Qal li kelli lment fuq il-knis u xtaq jiċċekkja mal-Project's Manager x'inhu jiġri. Is-Sur Cordina qal li l-knis ma jieħux ħsiebu l-Project's Manager u ilhom għaddejjin bl-emeġenza żmien u xi naqa'problemi jkunu hemm, it-tender għadu lanqas biss ġie mgħoti u nfatti ħa jitkellem fuqu iktar il-quddiem. Qal ukoll li jiddependi xi problema għad eżempju l-ġimgħa l-oħra kien hemm problema ħdejn l-Uffiċċju l-antik. Il-kennies kienu għadu kif għamel il-qalba tar-raħal u xi ħadd ħareġ il-borża miftuħa li tferxet ma kullimkien. Qal li jekk ir-residenti jridu l-ħmieġ, ħmieġ ħa jkollhom għax mhux sa jħallas iktar. Saħansitra qal li spiċċa jiġbor il-boroż hu u jinħarġu il-boroż meta mhux suppost. Dawn jitgħaffġu mill-karrozzi. Qal li xebgħu jibgħatu ittri fl-istess toroq u jkunu l-istess nies. Skart maħruġ mhux fil-ġurnata tiegħu. Is-Sur Bonniċi qal li din il-ġimgħa Rużell u Nutar Zarb, skart mhux maħruġ fil-ġurnata tiegħu kien hemm miżibilju. Barra minn hekk tenna wkoll li n-nies xejn ma jisseparawx. Is-Sur Cordina qal ukoll li ma jitwemminx id-diskors li jingħad minn ċertu nies li jiġu l-Uffiċċju isaqsu għall-boroż u għax ma jkunx hemm kunsinna jgħidlek 'ma ttinix ma nisseparax' flimkien mal-arroganza ta' ċertu nies mal-istaff.
  Is-Sur Victor Galea qal li bħalha xogħol isir għax fil-fatt jarahom jaqtgħu il-ħaxix u jikinsu.

45.4.3 L-Avukat Silvio Brincat

- Saqsa jekk fadalx tabelli 'Kun Prudenti, Tipparkjax quddiem garaxxijiet'. Is-Sur Cordina qal li poles m'għadhomx jingħataw għax jekk jolqot il-karrozza xi ħadd jiġi responsabbli l-Kunsill, il-Pulizija fil-fatt kienu ġabruhom u li għandu dejjem jingħata messaġġ edukattiv.

## 45.5 Parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Comune di Gela, Sicilia

45.5.1 Is-Sur Bartolo saqsa jekk l-Avukat Caruana għadhiex magħhom. Infatti hi ħarget mill-laqgħa *online* 07.13pm. Hu qal li dan il-Ġemellaġġ ma' Gela beda minn avveniment fejn il-banda ta' Gela daqqet ġewwa Ħ'Attard u wara huma avviċinaw lis-Sindku ppossibiltà ta' gemellaġġ. Qal li issa hemm programm ta' tliet ijiem li se jsir mis-7 sa 9 ta' Settembru 2022. Din hi marbuta mal-festa tal-Madonna del Alemagna u wara li l-Kunsill akkwista xi fondi mill-EU sabiex titla' delegazzjoni ta' 86 persuna ġiet ikkalkulata l-ispiża totali u din żgur mhux sa sservi. Qal li ħa jkun hemm 35 bandist, is-Sur Paul Haber, il-Kappillan, is-Sindku, hu s-Sinjura Sammut u s-Sinjura Mifsud. Qal ukoll li din b'kollox se tiswa €271 li minnhom se titħallas il-lukanda B&B, tliet ikliet, il-vapur xi Rigali għad-delegazzjoni u vann għall-istrumenti tal-bandisti. Is-Sur

Bartolo qal li kull min jiġi irid jikkontribwixxi €80 ikun min ikun. Kompla jgħid li se jintbagħat Memorandum of Understanding li jiġi approvat waqt laqgħa tal-Kunsill u li jekk kulħadd jaqbel miegħu jiġi meqlub bil-Malti u bl-Ingliż. Dan se jiġi ffirmat fi tliet lingwi. Barra minn hekk kompla jgħid li jridu jsiru seminars edukattivi minħabba li l-fondi huma tal-EU, jittieħdu ritratti u jrid ukoll ikun hemm interpretu għax fejn jidħol teknikalità aħjar ikun hemm interpretu. Hemm it-tieni ġurnata quddiesa kkonċelebrata bejn iż-żewġ qassisin u l-festa bil-banda. It-tielet ġurnata se jkun hemm żewġ postijiet fejn se jsiru seminars ukoll li jinkludu l-Auditorium tal-Mużika u fabbrika taċ-ċeramika. Se jsir programm draft u xtaq li sa nhar it-Tnejn ikun jaf min ġej bil-mara, sabiex isiru l-kalkoli tas-86 persuna biex jitħallas id-depożitu.

Is-Sur Victor Galea qal li se jiċċekkja mal-Catamaran biex jipprova jġib prezz aħjar u li hu xtaq li jivvjaġġja Club Class anke jekk iħallas iktar hu personali. Saqsa wkoll fuq il-kmamar jekk hux se jkunu single minħabba li hu jippreferi waħdu.

## 45.6 Diskussjoni Ġieħ Ħ'Attard

45.6.1 Is-Sur Bartolo qal li Ġieħ Ħ'Attard qed jipproponi li jsir fid-19 ta' Awwissu minħabba li s-Sinjura Mifsud għandha xi ħaga familjari fit-12 t'Awwissu. Infetħet kompetizzjoni għat-tfal li għalija daħlu 53 sottomissjoni. Qal li dawn kienu kollha tajbin u intgħażlet waħda li nweriet lill-Kunsilliera. Ir-rebbieħ Jake Micallef mill-Year 6 se jingħata premju u t-tfal l-oħra kollha se jingħataw mementoe u ċertifikat. Il-ġurnata se tiġi mħabbra iktar il-quddiem. It-tifel se jingħata wkoll mudell żgħir tat-trofew tiegħu maħdum mis-Sur Paul Haber.

Rigward is-serata ta'Ġieħ Ħ'Attard is-Sur Bartolo qal li l-Kunsill irid ikun indipendenti mill-għażla u ma jidħolx fihom għax se jinħatar Bordta' 5 min-nies awtonomu li lanqas hu ma jkun fuqu imma li Unur Ħ'Attard jistgħu jinnominaw lil min iridu. Fil-fatt qal is-Sur Cordina hu xtaq jinnomina lill-Klabb tal-Futbol li minn 2nd Division telgħu 1st anke għall-fatt li inkitbet l-istorja minħabba li bdew il-kampjonat b'-9 u spiċċaw *unbeaten* bi +10. Issuġġerixxa wkoll li lis-Subbuteo Club jingħataw token minħabba li dawn ipparteċipaw barra u għalkemm dan it-tifel ma rebaħx xorta għamel ġieħ għax tilef kontra tifel ikbar.

Is-Sur Bartolo talab biex kulħadd jaħdem biex ma jispiċċawx bla nominazzjonijiet. Is-Sur Cordina qal li l-Bord ikun kompost minn Pierre Cauchi, Joe Schiberras, Norbert Gingell, Charlie Camilleri u Ralph Cassar. Dan il-Bord ikun iċċerjat mis-Sur Stefan Cordina u anka s-Segretarju jkun maħtur minnhom stess. Hu qal li ħadd ma jkun jaf min se jieħu Ġieħ Ħ'Attard u jkunu jafu biss il-Bord, iċ-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv. Anka r-rapport dan jiġi preparat mill-Bord stess u r-rebbieħ ikun ġo envelopp issiġġillat u jitħabbar mis-Sindku dak il-ħin.

L-Avukat Brincat saqsa jekk hemmx xi regoli stabbili. Is-Sur Bartolo qal li essaċċ m'hemmx ħlief dawk stabbiliti mill-Kunsill imma hemm xi punti li bihom jikkwalifikaw għall-Ġieħ fuq l-applikazzjoni li hemm attaposta. Din għandha tittella' fuq il-Media Soċjali u kwalunkwe mezz ieħor. Kien hemm qbil mill-Kunsill fuq dan kollu.

## 45.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

45.8.1 Is-Sur Cordina qal li ġiet konkluża l-evalwazzjoni tat-tender tal-knis u li ħadd ma kwalifika is-sezzjoni tat-*technical* u għalhekk it-tender waqa'. Il-*bidders* ġew notifikati u għalhekk illum jiskatta l-perjodu t'10 t'ijiem li kif dawn jgħaddu jinħareġ tender ieħor u jkollu perjodu ta' sottomissjoni ta' 15 il-ġurnata biss.

## 45.9 Mozzjonijiet; u

45.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 45.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.34pm u ġiet aġġornata għall-25 ta' Mejju 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 25 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |